# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

## Illum, 5 t'April, 2001.

**Kawza Nru. 17.**

**Citazz. Nru. 2457/00 JRM**

**Is-Socjeta' HSBC BANK MALTA p.l.c.**

**vs**

**Is-Sojeta' BROWNIE LIMITED**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta Brownie Limited fis-somma ta' elf sitt mija sitta u hamsin lira maltija u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm1,656.23) liema somma hija dovuta mis-socjeta' konvenuta Brownie Limited in kwantu ghal elf mitejn tnejn u erbghin lira maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm1242.75) bhala *encroachment* fuq il-kont kurrent numru 27 129 1167 miftuh mal-istess bank attur, u in kwantu ghas-somma ta' erba' mija u tlettax-il lira maltija u tmienja u erbghin centezmu ( Lm413.48) bhala imghax ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess somma ta' Lm1242.75 mit-28 t'Awissu 1996, u cioe' id-data tal-*encroachment*, sal-24 t'Ottubru 2000, kif jidher ahjar mill-anness *statement of account* Dok A;

Illi s-socjeta' konvenuta ghalkemm interpellata thallas il-kapital u l-imghaxijiet minnha dovuti baqghet inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tikkundanna s-socjeta' konvenuta Brownie Limited thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf sitt mija sitta u hamsin lira maltija u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm1,656.23) liema somma hija dovuta mis-socjeta' konvenuta Brownie Limited in kwantu ghal elf mitejn u tnejn u erbghin lira maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm1242.75) bhala *encroachment* fuq il-kont kurrent numru 27 129 1167 miftuh mal-istess bank attur, u in kwantu ghas-somma ta' erba' mija u tlettax-il lira maltija u tmienja u erbghin centezmu (Lm413.48) bhala imghax ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess somma ta' Lm1242.75 mit-28 t'Awissu 1996, u cioe' d-data tal-*encroachment*, sal-24 t'Ottubru 2000;

Bl-ispejjez, u bl-imghax ulterjuri tat-tmienja fil-mija (8%) fis-sena b'effett mill-25 t'Ottubru 2000 sad-data tal-effettiv pagament,

kontra s-socjeta’ konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta’ konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta’ attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta’ konvenuta tiddeciedi billi tilqa’ t- talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fic-citazzjoni b’dan illi tikkundanna s-socjeta’ konvenuta Brownie Limited thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf sitt mija sitta u hamsin lira maltija u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm1,656.23) liema somma hija dovuta mis-socjeta’ konvenuta Brownie Limited in kwantu ghal elf mitejn u tnejn u erbghin lira maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm1242.75) bhala *encroachment* fuq il-kont kurrent numru 27 129 1167 miftuh mal-istess bank attur, u in kwantu ghas-somma ta’ erba’ mija u tlettax-il lira maltija u tmienja u erbghin centezmu (Lm413.48) bhala imghax ta’ tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess somma ta’ Lm1242.75 mit-28 t’Awissu 1996, u cioe’ d-data tal-*encroachment,* sal-24 t’Ottubru 2000, bl-ispejjez, u bl-imghax ulterjuri tat-tmienja fil-mija (8%) fis-sena b’effett mill-25 t’Ottubru 2000 sad-data tal-effettiv pagament, kontra s-socjeta’ konvenuta.

*5 t’April, 2001.*

**Moqrija.**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**5 t'April, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**5 t'April, 2001.**